MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Avviz Numru. 563/2003

**Randolph Camilleri Surveys Ltd, registrata bl-ittra "C" numru wiehed tnejn wiehed hamsa tnejn (12152)**

**vs**

**Anthony Fenech Vella**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma kapitali ta' elf, tmien mija u tlieta u sittin lira Maltin u centezmu (Lm1,863.01), liema somma hija dovuta in konnessjoni ma' servizzi lilu provduti fuq rikjesta tieghu, u dan (a) kwantu ghal sitt mija u sbatax-il lira u hamsa u hamsin centezmu (Lm617.55) skond fattura rif. 259/01 datata hmistax (15) ta' Ottubru, elfejn u wiehed (2001), (b) kwantu ghal tmien mija u hamsa u erbghin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm845.25) skond fattura rif. 273/01 datata wiehed u tletin (31) ta' Ottubru, elfejn u wiehed (2001), (c) kwantu ghal mitejn u tnejn u tletin lira u tmienja u tmenin centezmu

(Lm232.88) skond fattura rif. 291/01 datata tletin (30) ta' Novembru, elfejn u wiehed (2001) u (d) kwantu ghal mija u sebgha u sittin lira u tlieta u tletin centezmu (Lm167.33) skond fattura rif. 299/01 datata (15) hmistax ta' Dicembru, elfejn u wiehed (2001), dan kollu skond kif muri fi prospett anness bhala dokument u mmarkat bl-ittra "A".

Bl-ispejjez tal-prezentata ta' l-Avviz u ta' l-ittra ufficjali datata ghaxra (10) ta' Ottubru elfejn u tlieta (2003) debitament notifikata lilu u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-5 ta' Jannar, 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------